**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 - IT-TLIETA 18 TA' AWWISSU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | David Bonello | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm żewġ membri tal-pubbliku preżenti. | |

## 1. LAQGĦA MAL-ARĊIPRIET

1.1. Il-Kunsill issospenda l-laqgħa sabiex jiddiskuti xi punti mal-Arċipriet, Dun Evan Caruana. Il-laqgħa spiċċat fid-8:50pm. Il-Minuti ta' din il-laqgħa huma annessi f'A.

1.2. Wara din il-laqgħa l-Kunsill iddiskuta fuq it-talba tat-toqob fi Triq il-Parroċċa. Eventwalment kien hemm qbil li, apparti t-toqba li saret fuq in-naħa ta' Master Cellars, jitħalla li ssir toqba fuq in-naħa l-oħra bil-kundizzjoni, fost l-oħrajn, li jkun hemm is-sorveljanza tal-Perit tal-Parroċċa u li jiċċertifika li ma tkun saret l-ebda ħsara. Wara li offra li jkun preżenti huwa stess, kien hemm qbil li waqt ix-xogħol ikun hemm preżenti l-Kunsillier Brincat.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Minuti ġew approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Il-Viċi Sindku staqsa lis-SE dwar x'ġara mix-*shade* tal-lampa li ssemmiet f'ilment numru 44/0076/09 waqt il-laqgħa preċedenti. Is-SE informa li ma kellux informazzjoni.

3.2. Is-Sindku infurmat li l-għada kienet se ssir laqgħa għal dak il-grupp ta' residenti li kienu sejrin Reggio Calabria bejn it-28 ta' Awwissu u l-1 ta' Settembru. B'kollox kien se jkun hemm grupp ta' 26 persuna.

3.3. Is-SE informa li kien se jitpoġġa riklam fuq il-fuljetti tal-festa tal-Parroċċa u tas-Soċjetà Mużikali Vittorja bħala promozzjoni favur ambjent nadif. Huwa informa li l-istess offerta kienet saret ukoll lis-Soċjetà Mużikali Peace iżda l-proċess tal-istampar tal-pubblikazzjoni tagħhom kien avvanzat u għalhekk ma kienx hemm żmien biex jinkludu xi ħaġa oħra. Madanakollu se jinkludu l-istess reklam f'pubblikazzjoni oħra minn tagħhom b'distribuzzjoni simili għall-ħarġa tal-festa.

3.4. Il-Kunsilliera Miceli ssuġġeriet li l-Kunsill iżid aktar reċipjenti taż-żibel biex inħeġġu lir-residenti jżommu aktar nadif.

3.5. Is-SE informa li ġewwa San Pawl tat-Tarġa biswit iċ-Ċentru Ħniena Divina kien hemm biċċa bankina fi stat perikoluż u li kienet ġiet irranġata fl-okkażjoni taż-żjara tal-Arċisqof.

3.6. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara minn fejn japplika għal fondi sabiex Masġar it-Tfal fi Triq V. Boron isir bħala ġnien wieħed minflok jibqa' maqsum fi tnejn.

3.7. Is-Sindku infurmat li s'issa kienu ġew rikostruwiti numru ta' toroq (Triq Ħal Musulmett, Triq Ċensu Muscat u Triq Dun Ġakomino Galea) filwaqt li fi żmien qasir għandha tibda r-rikostruzzjoni ta' Triq il-Ħamrija.

3.8. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius, is-SE informa li l-isqaq fi Triq Castro għandu jiġi rikostruwit fil-ġimgħat li ġejjin mill-kuntrattur li jagħmel il-bankini.

3.9. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kienet attendiet għal ċerimonja fejn il-Kunsill Lokali Naxxar kien ingħata vawċer ta' €100 mingħand Klabb Kotba Maltin għal xiri ta' kotba ġodda u ċekk ta' €466 mingħand il-Gvern Ċentrali bħala fondi addizzjonali għal-librerija. Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Miceli kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jalloka Eur1000 għal kotba ġodda għal-librerija. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħti biljett għal-lotterija bi premju li jiddetermina l-Kunsill lil kull persuna li togħġobha tagħmel donazzjoni ta' ktieb (biljett għal kull ktieb). Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa wkoll li nitolbu lill-Università biex meta jkollhom xi kotba żejda jgħaddulna xi ħaġa minnhom.

## 4. RAPPORTI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI

4.1. Is-SE informa li numru ta' Kunsillieri kienu diġà bdew jiltaqgħu bejniethom sabiex jiddiskutu xi punti ta' importanza kif ukoll rilevanza għar-responsabbiltajiet tagħhom.

4.2. Il-Kunsillieri Muscat Fenech Adami u Sammut iltaqgħu u tkellmu fuq inizjattivi dwar l-ambjent u Muscat Fenech Adami u Brincat iltaqgħu dwar il-kummerċ. Hawnhekk il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li ssir ħarġa għat-tfal ġewwa l-Għammieri sabiex jaraw l-annimali kif ukoll iħawlu xi pjanti/żrieragħ. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami semmiet ukoll li kienet ġiet diskussa l-possibbilità li tiġi organizzata kompetizzjoni bejn ir-residenti għall-isbaħ triq/sqaq/gallerija eċċ.

4.3. Il-Kunsillieri Miceli u Bonello flimkien mas-SE attendew għal-laqgħa għand MEUSAC. Huma infurmaw li kienu trattaw diversi proġetti li l-Kunsill jista' jitlob il-fondi għalihom.

4.4. Il-Kunsillieri Brincat u Muscat Fenech Adami kienu ddiskutew dwar possibiltà li jsiru xi proġetti dwar effiċenza fl-enerġija, bħal per eżempju tpoġġija ta' lampi li jaħdmu bis-sistema solari u li hemm possibbilità li proġett bħal dan il-Kunsill ikun jista' jakkwista madwar 90% tal-fondi min-naħa tal-UE.

4.5. Il-Kunsilliera Miceli ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill jipprova jaħdem aktar dwar proġetti tal-immaniġġjar tal-iskart kif ukoll dwar integrazzjoni soċjali.

4.6. Il-Kunsillier Galea informa li huwa u l-Kunsillier Bonello kienu ltaqgħu biex jiddiskutu l-fuljett tal-Kunsill però għalkemm kellhom xi proposti x'jgħaddu huwa informa li preferibbilment dawn kienu se jiġu mgħoddija lill-Kunsill meta jkun preżenti l-Kunsillier Bonello. Fost oħrajn iddiskutew il-possibbilità li jkun hemm artikli b'suġġerimenti edukattivi u utli għal kulħadd; ikun hemm paġna dwar x'sar u x'se jsir fil-futur mill-Kunsill; paġna dwar suġġetti differenti kif ukoll kienu ddiskutew il-possibbilità li jkun hemm xi tibdil fil-websajt tal-Kunsill. Sakemm ikunu diskussi fid-dettall u approvati l-proposti, l-istil tal-fuljett għall-ħarġa li jmiss għandu jibqa' l-istess kif kien sa issa. Sadanittant però, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillieri Galea u Bonello, kien hemm qbil li l-editur tal-Kuntatt għandu jibqa' s-Sur Salvu Sciberras.

4.7. Is-Sindku, il-Kunsillieri Galea u Bonello kif ukoll is-SE kellhom laqgħa dwar l-attivitajiet fejn kien hemm possibbilità li jinġabu xi fondi mill-UE bl-għajnuna tal-kumpanija Future Focus sabiex tiġi organizzata attività fi żmien il-Milied. Kien hemm ukoll qbil li l-Kunsill japplika għall-fondi sabiex jittella' festival kulturali bl-isem 'Is-sengħa tmexxi l-Istorja'. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsillier Bonello għandu jikkoordina laqgħa dwar il-possibbilità li jinżamm festival tal-melħ b'koordinament mal-Ministeru tal-Ambjent.

4.8. Il-Kunsillieri Brincat u Sciberras kienu ddiskutew dwar il-ħtieġa li jiġi ffurmat sottokumitat għaż-żona tas-Sgħajtar. Kien hemm qbil għaldaqstant li ssir ittra lir-residenti kollha ta' din iż-żona.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET

5.1. Is-SE informa li minħabba nuqqas ta' riżorsi umani kif ukoll problema ta' nuqqas ta' sistema mal-*accountant* tal-Kunsill, il-lista ma setgħetx titlesta fil-ħin għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 6. SPEED CAMERA FI TRIQ IL-KOSTA

6.1. Is-SE informa li wara talba li kienet saret min-naħa tal-Kunsill, l-ADT kienet approvat l-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq il-Kosta. Minħabba li din kienet ġiet mgħoddija lill-Kumitat Konġunt Tramuntana, dawn kienu talbu li l-Kunsill jidentifika sit fejn qed jissuġġerixxi li għandha titpoġġa. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-ADT u l-Pulizija fil-post.

6.2. Il-Kunsillier Agius talab li jiġi skużat mil-laqgħa. Il-ħin kien 10:50pm.

## 7. IL-PROĊESS TAL-IMPJIEG TA' SKRIVANI

7.1. Kien hemm qbil li minħabba li issa għadda żmien sew minn meta saru l-intervisti għal skrivani, għandu jerġa' jinbeda l-proċess mill-ġdid. Is-SE informa li awtomatikament, ladarba l-Kunsill preċedenti spiċċa, il-kumitat li kien hemm ġie xolt u għaldaqstant għandu jerġa' jinħoloq sottokumitat ġdid. Il-Kunsilliera Miceli oġġezzjonat għall-fatt li dehrilha li kien hemm min hu kapaċi u li jikkwalifika għall-post ta' skrivan/a.

## 8. FTUĦ TAL-UFFIĊINI S-SIBTIJIET

8.1. Is-SE informa li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien qed jesieġi li l-Kunsilli Lokali jibdew jiftħu għall-pubbliku s-Sibtijiet ukoll. L-istaff kellhom l-opportunità li jagħżlu

jekk jippreferux li jitħallsu *overtime* inkella jieħdu l-ħin bħala *time off in lieu*. Huwa informa li l-unika membru amministrattiv li kienet interessata tidħol is-Sibtijiet kienet is-Sinjura Camilleri.

## 9. TIĠDID TAL-KUNTRATT TAL-GWARDJAN TAL-*MULTIPURPOSE PITCH*

9.1. Is-SE informa li l-kuntratt tal-gwardjan tal-*multipurpose pitch* skada fil-bidu ta' Awwissu. Kien hemm qbil li dan il-kuntratt għandu jiġi estiż għal sena oħra.

## 10. KUNTRATTI TAL-ĠBIR TA' SKART U TAL-KNIS TAT-TOROQ

10.1. Kien hemm qbil li dawn il-kuntratti għandhom jerġgħu jiġu diskussi waqt laqgħa oħra però kien hemm qbil ukoll li jsiru xi tibdiliet fihom sabiex jissaħħu aktar milli huma fil-preżent.

## 11. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

11.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11:10pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 2009 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*

Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*

Segretarju Eżekuttiv

**LAQGĦA MAL-ARĊIPRIET TAN-NAXXAR, DUN EVAN CARUANA**

Qabel ingħata bidu għal-laqgħa, l-Arċipriet bierek il-ħidma tal-Kunsill il-ġdid u ntqalet talba f'daqqa.

1. Is-Sindku talbet lill-Arċipriet biex possibbilment ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn il-Knisja u l-Kunsill Lokali speċjalment fir-rigward ta' organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjokulturali. L-Arċipriet ma sabx oġġezzjoni u informa li jkun possibbli għalih ukoll li jagħmel avviżi waqt il-Quddies sakemm ikunu adattati u skont ir-regoli tal-Kurja.
2. Il-Kunsilliera Miceli ssuġġeriet li jkun hemm diskussjoni dwar attivitajiet u problemi ta' inklużjoni soċjali. L-Arċipriet infurmaha li għandu grupp ta' djakonija li seta' jiltaqa' magħha dwar dan is-suġġett.
3. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li jinstab mezz kif il-Kunsill jagħmel kuntatt mal-ġenituri ta' trabi ġodda sabiex jiġu mħajra jħawlu siġra. Huwa informa li ma kienx possibbli għalih li jgħaddi d-dettalji tal-ġenituri però kien lest jgħaddi xi formola li l-Kunsill seta' jħejji apposta għal dan l-għan lill-ġenituri l-ġodda.
4. Is-Sindku ssuġġeriet li jinżamm kunċert b'kollaborazzjoni mal-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kor. L-Arċipriet qal li kien lest li jiddiskuti mas-Surmast tal-Kor dwar din il-possibbilità. Huwa talab lill-Kunsill biex jibgħatlu ittra b'xi suġġerimenti li jixtiequ jwaslulu.
5. L-Arċipriet semma' l-kwistjoni tar-rikostruzzjoni tal-bitħa tal-oratorju. Huwa qal li din hija art privata u li iżda kienet qed tiġi offruta mingħajr ħlas lill-pubbliku in ġenerali. Hawnhekk saret diskussjoni dwar possibbiltà li jsir ftehim bejn iż-żewġ partijiet.
6. L-Arċipriet talab li jinżabru s-siġar tar-rawndebawt ta' ħdejn il-GS Supermarket. Il-Kunsill infurmah li din ir-rawndebawt jieħdu ħsiebha Camilleri Wines.
7. L-Arċipriet staqsa lis-SE dwar il-possibbiltà li jkun hemm permess miftuħ għall-użu ta' krejnijiet u *high ups* matul il-ġranet tal-festa. Is-SE talab li għallanqas għandu jkun hemm xi forma ta' avviż mill-uffiċċju parrokkjali u għaldaqstant talab li mill-inqas tintbagħat kommunikazzjoni elettronika minn qabel dwar ġranet u ħinijiet tal-użu u depożitu tal-makkinarju.
8. L-Arċipriet talab li jitħallew jagħmlu sittax-il toqba fuq il-bankina ta' Triq il-Parroċċa sabiex jitpoġġew l-antarjoli fi żmien il-festa. L-Arċipriet informa li l-arbli huma madwar 15-il ċentimetru u hemm madwar 30 metru bejn arblu u ieħor. Is-SE informa li skont il-liġi tal-aċċessibbilità l-wisa' tal-bankina ma tistax tkun inqas minn 130cm kif ukoll li ma jistax ikun hemm l-ebda tip ta' inkonvenjenza fuq il-bankini. Għaldaqstant mil-lat amministrattiv il-Kunsill ma setgħax jaċċetta din it-talba. Is-SE informa li sabiex isir kull xogħol fuq bankini u toroq, wieħed għandu bżonn ta' permess mill-Kunsill u ħadd ma jista' jaqbad u jtaqqab meta u fejn ifettillu. L-Arċipriet informa li għal din is-sena kien biżżejjed li jkun hemm biss żewġ toqob u li tista' tkun bħala prova biex wieħed jara xi tkun ir-reazzjoni mill-pubbliku.

9. L-Arċipriet issuġġerixxa li l-Kunsill jara l-possibbilità biex il-madum tal-art taz-zuntier jinbidel bħalma sar f'ħafna lokalitajiet oħra. Il-Kunsill se jara jekk ikunx possibbli li japplika għal xi fondi ma' xi Ministeru għal dan l-iskop.

10. L-Arċipriet talab li parti mill-flejjes li jitħallsu lill-Kunsill għall-permessi tal-gabbani jingħataw lill-Knisja Parrokkjali. Is-SE informa li dan l-ammont tant huwa minimu li diġà ma jkoprux l-ispejjeż involuti.

11. L-Arċipriet talab li l-Kunsill jassigura li l-Pjazza titnaddaf sewwa wara li jispiċċaw l-attivitajiet kollha tal-festa. Il-Kunsill assigurah li dejjem hekk isir. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-każini u ħwienet li jarmaw is-siġġijiet u l-imwejjed biex ma jarmawx qabel ma tkun għaddiet il-purċissjoni. Kien hemm qbil li tintbagħat kopja tal-permessi li nħarġu lill-Arċipriet.

12. Il-laqgħa spiċċat fid-8:50pm.